MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 81/2000/1

Blye Engineering Co. Ltd .

vs

Cini Tal-Mija Ltd .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex tigi kkundannata minn din il-Qorti thallas is-somma ta' sitt mija u hames liri Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm605.97c) bhala bilanc minn somma akbar dovuta bhala prezz ta' kompressur lilek mibjugh u kkonsenjat skond il-fattura numru 1922 tal-14 ta' Lulju 1999, esebita bhala dok. A .

Bl-imghax kummercjali u bl-ispejjez kontra l-konvenuta, li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi :

1. Illi l-kumpressur mibjugh mis-socjeta' attrici kien difettuz u ma kienx tal-kwalita' pattwita u ghal hekk pretiz mis-socjeta attrici mhuwiex gustifikat ;
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-verbal taghha ta' l-4 ta’ Novembru 2003 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob minghand is-socjeta' konvenuta l-hlas tal-bilanc tal-prezz ta' kompressur mibjugh u kkonsenjat lilha[1] . Is-socjeta' konvenuta qed tirrifjuta li taghmel dan il-pagament ghax tallega illi dan il-kompressur kien difettuz u mhux tal-kwalita' pattwita . Mhux kontestat illi l-kompressur f'xi zmien waqt li kien ghadu taht il-garanzija gie ritornat ghand is-socjeta' attrici mid-dirigenti tas-socjeta' konvenuta ghax instab li kellu xi hsara u x'aktarx kien inharaq . Wara li gie ezaminat mill-impjegati tas-socjeta' attrici nstab li kien *beyond economic repair,* imma l-istess socjeta' irrifjutat illi tibdel il-kompressur ghax allegatament kien gie mbaghbas minn xi hadd iehor, meta l-garanzija kienet tistipula li kellu jigi ritornat fil-kundizzjoni originali tieghu[2] . Joseph Cini, direttur tas-socjeta' konvenuta, jichad illi huwa jew xi hadd imqabbad minnu qatt fetah il-kompresur, u jghid illi l-inginier tieghu kull ma ghamel kien

[1] Ara invoice annessa ma' dan l-Avviz bhala Dok. A a fol. 2 tal-process .

[2] Ara xhieda ta' Raymond Mallia tat-30.11.2001 a fol. 9 et seq tal-proces u Dok. RM. 1 a fol. 15 .

li armah fuq ir-*refrigerator* tieghu u rega' qalghu meta ma baqghax jahdem[3] .

Il-kompitu ta' din il-Qorti huwa ghalhekk li tara f'tali cirkostanzi is-socjeta' konvenuta hijiex gustifikata li ma thallasx il-bilanc tal-prezz ta' dan il-kumpressur rikjest f'din il-kawza .

Inghad mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fuq eccezzjoni li l-oggett mibjugh ma kienx tal-kwalita' pattwita u f'cirkostanzi piuttost simili illi :

"…. *l-eccezzjoni tal-konvenuta hi destinata li tfalli gialadarba bil-fatt taghha stess il-konvenuta tilfet kull dritt li seta' kellha . Hi ghazlet li zzomm l-ghamara lilha konsenjata u naqset li tirreagixxi skond kif trid il-ligi meta kienet konsapevoli mill-fatt illi l-konsenja ma kenitx konformi ghad-dettalji pattwiti u/jew meta kienet taf li l-atturi ma esegwewx l-appalt konformement mal-arti u s-sengha li, f'kull kaz, bhala prova necessarja kien jehtieg l-opinjoni ta' espert in materja . F'cirkostanzi konsimili hi giet li ppregudikat irremedjabilment il-posizzjoni taghha . Fi kliem iehor hi ma kelliex tippretendi li ma ghandhiex thallas lill-atturi ghax dawn ma onorawx l-obbligi taghhom . Dan l-ilment taghha, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jistax ghalhekk jigi accettat jew sostenut u l-atturi ma ghandhomx, u ma kellhomx, jigu ikkastigati ghan-nuqqas tal-prosegwiment da parti tal-konvenuta ta' dawk il-mizuri li kellha tiehu biex tissalvagwardja d-drittijiet taghha .*

*Hu del resto principju komunement applikat fil-gurisprudenza li jekk bniedem ikun jaf bi stat ta' fatt li jintitolah jezercta dritt u jhalli dak l-istat ta' fatt jipprogredixxi minghajr ma jagixxi ghad-dritt tieghu, allura t-titolari tad-dritt jista' jitqies, fic-cirkostanzi kongruwi, li jkun irrinunzja ghal prosegwiment ta' dak id-dritt*. "[4]

Hu minnu illi fil-kaz in ezami s-socjeta' konvenuta ma zammitx fil-pussses taghha l-kumpressur in kwistjoni u

---

[3] ara affidavit ta' Joseph Cini tat-22.4.2003 a fol. 21 .

[4] Appell Inferjuri – Malta : Frederick Micallef et vs May Sullivan : 22.11.2002 .

rritornatu ghand l-agent sabiex jaraw x'kellu hekk kif deherilha li kien difettuz . Imma b'daqshekk u ghar-ragunijiet indikati fis-sentenza hawn fuq citata, l-istess socjeta' konvenuta ma kienitx gustifikata tibqa' ndifferenti u passiva ghal kollox wara li rritornat il-kumpressur, saret jew ma saritx taf sussegwentement li l-agent ma kienx ser jipprovdilha wiehed gdid ghax allegatament dak mghoddi lilha kien tbaghbas u mhux aktar kopert bil-garanzija . Il-bejgh kien sar u gie komplut bil-konsenja tal-kumpressur . Infatti sar anke hlas ta' mitejn lira maltija (Lm200) akkont mal-konsenja . L-obbligu tax-xerrej kien ghalhekk li jew ihallas il-bilanc jew jitlob ir-rexxizjoni tal-bejgh minhabba d-difett allegat . Dan baqa' m'ghamlux u fil-fehma ta' din il-Qorti l-obbligu tieghu ghall-hlas ma spiccax bis-semplici ritorn ta' l-oggett mibjugh lill-venditur .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi filwaqt illi tichad l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma indikata fl-avviz u cioe' sitt mija u hames liri maltin u seba' u disghin centezmu (Lm605.97), rapprezentanti bilanc mill-prezz dovut ghall-kompressur mibjugh lilha .

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess socjeta' konvenuta .
s8100Pc

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------